MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 313/2012

**M.G.C Limited (C 47604)**

**vs**

**Noble Soulsby Holdings Limited (C 47723)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Settembru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallashom is-somma ta' erbat elef, seba' mija u disgha u sebghin Ewro (€4,779) rapprezentanti ammont dovut ta' servizzi ta' konsulenza moghtija lilha mis-socjeta' rikorrenti u servizz ancillari, liema ammont baqa' ma thallasx.

Bl-imghax mid-data ta' meta l-ammont mitlub kien dovut sal-hlas effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2557/2012.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata naqset li tidher sabiex twiegeb ghad-domandi attrici jew li tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u dan kif jirrizulta mit-timbru tal-marixxall Mario Mizzi datat 10 ta’ Ottubru 2012 a fol 6 tal-atti.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta’ konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012 is-socjeta’ konvenuta naqset li tidher in subizzjoni.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti issib it-talba attrici gustifikata u timmerita li tigi konfermata b’dan illi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ erbat elef, seba’ mija u disgha u sebghin Ewro (€4,779) u dan bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura, inkluz tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 2557/2012 ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------